# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar il-Erbgha 9 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru:** 44/16 DMA

**Dr Carmel Farrugia Sacco**
**(ID. No. 697449M)**

**Vs**

**Omar Ari**
**(Passaport 204976587)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta’ Frar, 2016 l-attur talab prevja kull dikjarazzjoni opportune l-intimat jigi kkundanat ihallas lir-rikorrent elf, tlett mija u tmenin ewro (€1,380) rapprezentanti elf ewro (€1,000) bilanc ta’ kontijiet sal-15 ta’ Jannar, 2016, u tlett mija u tmenin Ewro (€380) ta’ kontijiet tad-dawl.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Deher Dr David Farrugia Sacco li kkonferma li l-ammont ta’ elf, tlett mija u tmenin ewro (€1,380) ghadu dovut fl-intier tieghu u ma thallas xejn fil-mori tal-kawza.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf, tlett mija u tmenin ewro (€1,380) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**